bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri u
Sp Mario Tonna)
vs
Philip Scicluna, iben John,
imwieled Pieta'fil-11 ta' ġunju,
1985
u
Frederick Attard, iben Carmel,
imwieled Pieta' fit-8 ta' ottubru,
1982
u
Jonathan Bilocca, iben Joseph,
imwieled Pieta' fl-24 ta' april, 1984
u
Goel Abela, iben Philip, imwieled
Pieta' fl-10 ta' settembru, 1984
u
Kevin Attard, iben Carmel,
imwieled Pieta' fis-17 ta' awissu,
1985
u
Anton Dimech, iben John, imwieled
Pieta' fid-29 ta' ottubru, 1985
u
Anton Azzopardi, iben Anthony,
imwieled Pieta' fil-11 ta' lulju,
1985
u
Sean Abel Xuereb, iben Philip,
imwieled Pieta' fil-15 ta' ġunju,
1986

Illum, 7 ta' mejju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli fis-17 ta' marzu, 2002 għal ħabta tal-5.45 p.m. fi Triq Dragonara, San Ġiljan inġabru f'numru ta' għaxra min-nies jew aktar sabiex jagħmlu reat;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kissru l-bon ordni u il-kwiet pubbliku;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebbew għal Francis Farrugia u Jonathan Farrugia minn Birkirkara sabiex jinġurjawhom u jagħmlulhom ħsara;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ġrew bil-qawwi fl-istess triq bil-periklu li jweġġgħu lil terżi persuni.

Lil Philip Scicluna u Frederick Attard, waħedhom –

5. talli ħebbew għal Francis Farrugia u kkaġunawlu feriti ta' natura gravi skond Dr. Kurt Attard M.D. u Dr. Jonathan Joslin M.D. tal-isptar San Luqa;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, permezz ta' oġġett iebes ikkaġunaw feriti gravi fuq il-persuna ta' l-istess Francis Farrugia, liema offiżi x'aktarx jikkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ, ta' l-imsemmi Francis Farrugia.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-20 ta' marzu, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' mejju, 2002 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati Jonathan Bilocca, Goel Abela, Kevin Attard, Anton Dimech, Anton Azzopardi u Sean Abel Xuereb ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 68(1), 338(ċċ)(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Issib lill-imputati Philip Scicluna u Frederick Attard ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 68(1), 338(ċċ)(dd), 339(1)(d) u 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.